**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**Vs**

**Simon Borg**

Kumpilazzjoni Numru: 1155/2011

Illum 8 ta' Jannar 2018

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Borg ta' 26 sena iben Amadeo u Josephine nee' Caruana mwieled Pieta' fil-21 ta' Marzu 1985, residenti Bieb nru. 3, Appartament nru 3, Triq Sir William Reed Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 208085M talli nhar id-9 ta' Novembru 2010 u fis-snin u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-ligijiet ta' Malta kapitolu 9 u cioe':

1) Fil-perjodu ta' bejn it-8 u 9 ta' Novembru 2010, fi Triq il-Biedja l-Mosta, ikkommetta serq ta' oggetti fosthom apparat tal-'hifi' b'valur totali ta' €100, minn go vettura ta' l-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni LCA848, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Jonathan Sultana;

2) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Jonathan Sultana, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3) Kif ukoll talli nhar is-26 ta' Awwissu 2010, ghall-habta tal-11:00am, fi Triq Carini Santa Venera, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-'hifi' minn go vettura ta' l-ghamla Toyota Corolla Windy bin-numru tar-registrazzjoni ABL658, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Abigail Azzopardi;

4) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Abigail Azzopardi, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5) Kif ukoll talli fil-lejl bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu 2010, fi Triq ta' Zwejt San Gwann, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-'hifi' minn go vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni LCG224, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Emerson Farrugia;

6) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Emerson Farrugia, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin

ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

7) Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Lulju 2009, fi Triq Sant'Anton Abbati l-Mosta, ikkommetta serq ta' oggetti fosthom apparat tal-'hifi' minn go vettura tal-passiggieri ta' l-ghamla King Long bin-numru tar-registrazzjoni EBY640, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Donald Borg u/jew Duminku Borg;

8) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Donald Borg u/jew Duminku Borg , liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

9) Kif ukoll talli fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Lulju 2009, fi Triq il-Qrendi, Zurrieq, kkommetta serq ta' oggetti fosthom apparat tal-'hifi' minn go vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni BAF803, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Antonella Pace u/jew Joseph Pace;

10) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Antonella Pace u/jew Joseph Pace, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

11) Kif ukoll talli fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Novembru 2008, fil-'parking area' tal-isptar Mater Dei fl-Imsida, ikkommetta serq ta' oggetti fosthom apparat tal-'hifi' b'valur totali ta' €220, minn go vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LCF653, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Marita (Maria Rita) Aquilina u/jew Patrick Aquilina;

12) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Marita (Maria Rita) Aquilina u/jew Patrick Aquilina, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

13) Kif ukoll talli fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2005, fi Triq Guze' D'Amato Rahal Gdid , ikkommetta serq ta' diversi oggetti b'valur totali ta' €210, minn go vettura tal-ghamla Hyundai Excel bin-numru tar-registrazzjoni EAQ569, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Alfred Degiorgio;

14) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Alfred Degiorgio, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

15) Kif ukoll talli fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2005, fi Triq Guze' D'Amato Rahal Gdid , ikkommetta serq ta' oggetti fosthom apparat tal-'hifi' u apparat cellulari minn go vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni KAV323, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil- valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u

bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Christopher Scerri u/jew Joseph Scerri;

16) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' l-istess Christopher Scerri u/jew Joseph Scerri, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

17) Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta' Awwissu 2011 u fis-snin u x-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqa gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

18) U aktar talli huwa recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

19) Qeghed jigi akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

20) U finalment akkuzat ukoll talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi serqiet mwettqin bejn id-9 ta' Novembru 2010 u fis-snin u xhur qabel din id-data.

**L-ewwel zewgt imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn it-8 u d-9 ta' Dicembru 2010 fi Triq il-Biedja, il-Mosta ikkommetta serq ta' oggetti b'valur totali ta' €100 minn vettura Peugeot 306, Reg Nru LCA848 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Jonathan Sultana. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49

Jonathan Sultana kien mar jaghmel rapport l-Ghassa fid-9 ta' Novembru filghodu li l-gurnata ta' qabel filghaxija kien halla l-karozza tieghu Peugeot LCA 848 pparkjata fi Triq il-Biedja, Mosta. Huwa kien sakkarha. Meta filghodu mar ghaliha sab li xi hadd mhux maghruf kien sgassaha u serqalu 4 speakers tad-ditta Pioneer li b'kollox jiswew madwar €100[1].

L-istess Jonathan Sultana ikkonferma dak appena riportat fix-xhieda tieghu[2]. Huwa spjega li kellu l-bieba mghawga ghaliex giet migbuda. Il-karozza kien ipparkjaha wara s-seba' ta' filghaxija. Ix-xhud spjega li ma kienx ghadu sewwa l-hsara izda pprezenta stima minn fejn hemm indikat l-ammont ta' €247[3]. Kien intbgahat il-Furjana ghall-fingerprints.

Jirrizulta li kienu gew elevati lifters minn din il-vettura mis-surgent 659 Jeffrey Hughes. L-impronti digitali gew zviluppati fuq il-bieba tal-passiggier ta' quddiem minn barra (10 CNP 301) u impronti digitali zviluppati minn fuq il-bieba tal-passiggier ta' quddiem minn gewwa (10 CNP 302).

---

[1] Dok MM a fol 32 tal-process. ikkonfermat minn Wpc 260 Melanie Scicluna fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012

[2] Seduta tal-11 ta' Jannar 2012

[3] Dok JS a fol 79 tal-process

Fir-rapport tieghu l-espert Joseph Mallia[4] ikkonkluda:

- *Illi l-impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 10 CNP 301, hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta u l-formola tal-impronti digitali u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Simon Borg.*
- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 10 CNP 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Simon Borg.*
- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 10 CNP 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id il-leminija ta' Simon Borg.*

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert u tenut kont li l-impronti li gew ikkonstatati li huma tal-imputat gew elevati minn fuq il-bieba tal-passiggier minn gewwa u ma jirrizultax li hemm xi raguni ohra ghajr biex jisraq li l-impronti ta' Borg instabu fejn instabu m'hemmx dubju li din is-serqa wettaqha l-imputat.

Ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet gew ippruvati.

**It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat fis-26 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tal-11.00am fi Triq Carini, Sta Venera ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura Toyota Corolla Windy, Reg Nru ABL 658 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix €2,3229.37 ghad-dannu ta' Abigail Azzopardi. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49

Abigail Azzopardi marret taghmel rapport l-Ghassa fis-26 ta' Awwissu 2010. Hija rrappurtat li l-gharus taghha Reuben Curmi kien hiereg mir-residenza ghall-habta tal-10.30 u x'hin kien sejjer lejn il-karozza taghha sab li l-vettura kienet miftuha. Irrizulta li l-bieba tan-naha tal-passiggier kienet illivata u

[4] Dok JM1

mghawga 'l barra u fetah il-lock b'idejh. Sab diversi oggetti misruqa[5].

Abigail Azzopardi xehdet[6] li hija kienet rieqda ghand l-gharus taghha u meta qamu biex johorgu sabet il-karozza bil-bieba llivata minn barra. Sabet id-dashboard maqlugh, kellha r-radio misruq u anki l-ixkaffa tal-ispeakers fuq wara, insterqulha wkoll zewg speakers. Il-kexxun tan-naha tal-passiggier sabitu miftuh bil-karti maqlubin mal-art, insterqulha kaxxa bic-CDs , pocket blu u xi muniti. Hija kienet ipparkjat il-karozza l-gurnata ta' qabel bejn l-10/10.30p.m u kienet sakritha. Il-valur globali tal-oggetti hu ta' madwar €200. Il-hsara irrangatha u swietilha €129.80[7]. Hija ntbaghtet ghall-fingerprints.

PS 1238 Clive Brimmer eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[8]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm diversi impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici. Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 10 BUI 302 taqbel u ghalhekk hija identika ghal marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg[9].*
- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 10 BUI 305 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg[10].*

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert u tenut kont li wahda mill-impronti li gew ikkonstatati li huma tal-imputat gew elevati minn fuq bott tal-ispray li kien fuq it-tapit tal-passiggier ta' quddiem tal-karozza u ma jirrizultax li hemm xi raguni ohra ghajr biex jisraq li l-impronti ta' Borg instabu fejn instabu, m'hemmx dubju li din is-serqa twettqet mill-imputat.

---

[5] Dok MM5 a fol 35, liema rapport gie kkonfermat minn PC 406 Sean Micallef fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2012
[6] Seduta tal-11 ta' Jannar 2012
[7] Dok AA1 a fol 73 tal-process
[8] Dok CB5 a fol 35 tal-atti tal-PV
[9] Din l-impronta giet elevata minn fuq il-windbraker tal-hgiega tal-passiggier ta' quddiem
[10] Din l-impronta giet elevata minn fuq bott tal-ispray 'Turtle Wax' Black 'n splash for tyre shine, taht il-kappa, li kien fuq it-tapit tal-passiggier ta' quddiem

Dak li gie ppruvat huwa izda li din is-serqa kienet ikkwalifikata biss bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u kwindi l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata. Il-hsara volontarja giet ippruvata.

**Il-hames u sitt imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu 2010 fi Triq ta' Zwejt, San Gwann ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura Hyundai Accent, Reg Nru LCG 224 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix €2,3229.37 ghad-dannu ta' Emerson Farrugia. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49

Emerson Farrugia mar jaghmel rapport l-Ghassa fis-27 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tas-7.00am sab il-bieba tax-xellug ta' quddiem tal-karozza tieghu Hyundai Accent Reg Nru LCG 224 illivata minn fuq u minn isfel u anki l-bieba tan-naha tal-lemin ta' quddiem kienet illivata minn fuq kif ukoll mid-dashboard. Huwa sab l-istereo li kien ukoll dvd player u l-iscreen tieghu neqsin. Il-karozza kien ipparkjaha go Triq ta' Zwejt l-gurnata ta' qabel ghall-habta tal-22.30. Huwa ntalab imur gewwa CID yard ghal fingerprints[11].

Emerson Farrugia xehed[12] li dakinhar tas-27 ta' Awwissu 2010 huwa qam kmieni u meta mar ghall-karozza sab iz-zewg bibien illivati 'l barra, id-dashboard imkisser u maqlugh, stereo mhux hemm, kellu screen apparti li jidhol u johrog ma kienx hemm, amplifiers neqsin, id-dahar tas-seat maqlugh u mar jaghmel ir-rapport u mar ghal fingerprints. Huma ma tax il-valur ta' dawn l-oggetti. Inkwantu ghall-hsarat qal li dawn jiswew aktar minn €700 izda ma pprezentax stima jew ircevuta.

[11] Dok MM6 a fol 38 tal-process, li gie kkonfermat minn Wpc 317 Elisha Mamo fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012

[12] Seduta tat-2 ta' Lulju 2012

PS 1238 Clive Brimmer eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[13]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm diversi impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici. Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

- *Illi l-impronta elevata permezz tal-lifter dokument 10 BUH 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tal-pala tal-id il-leminija ta' Simon Borg*[14].
- *Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) impronti li jidhru elevati permezz tal-lifter dokument 10 BUH 303 jaqblu u ghalhekk huma identici mal-marka tas-saba tan-nofs u s-saba l-werrej rispettivament, tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[15].
- *Illi l-ewwel (1) impronta elevata permezz tal-lifter dokument 10 BUH 305 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Simon Borg*[16].

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert u tenut kont li wahda mill-impronti li gew ikkonstatati li huma tal-imputat gew elevati minn fuq kaxxa ta' CD li kienet fuq it-tapit tal-passiggier ta' quddiem tal-karozza u ma jirrizultax li hemm xi raguni ohra ghajr biex jisraq li l-impronti ta' Borg instabu fejn instabu, m'hemmx dubju li din is-serqa twettqet mill-imputat.

Dak li gie ppruvat huwa izda li din is-serqa kienet ikkwalifikata biss bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u kwindi l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata. Il-hsara volontarja giet ippruvata.

**Is-seba' u tmien imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn il-15 u s-16 ta' Lulju 2009 fi Triq Sant'Anton Abbati, il-Mosta ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura tal-passiggieri

[13] Dok CB4 a fol 29 tal-atti tal-PV

[14] marka ta' pala ta' id elevata minn fuq il-hgiega tal-bieba tal-passiggier ta' wara minn barra fejn kien hemm l-isgass

[15] Sekwenza ta' impronti digitali elevata minn fuq il-pilastru tal-bieba tal-passiggier minn barra naha ta' quddiem.

[16] impronti digitali elevati minn fuq kaxxa ta' CD tal-Valletta FC li kien hemm fuq it-tapit tal-passiggier ta' quddiem

King Long, Reg Nru EBY 648 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jeccedix l-€2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Donald Borg u/jew Duminku Borg. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49

Mill-atti jirrizulta li Donald Borg mar jirrapporta l-Ghassa fis-16 ta' Lulju 2009 kmieni filghodu li xi persuna mhux maghrufa kienet fethitlu l-bieba tax-xarabank tieghu u kisritlu d-dashboard u nsterqulu r-radio u xi switches. Huwa kien ipparkja x-xarabank fit-triq inkwistjoni ghall-habta ta' nofsilejl[17]. Huwa kien intbaghat id-depot biex jigu elevati xi fingerprints.

Donald Borg xehed[18] li meta fis-16 ta' Lulju 2009 mar sabiex jiftah it-truck tieghu King Long li jintuza ghall-passiggieri sab kullimkien imkisser. Huwa sab wires mahrugin, radio inqala', dashboard imkisser. Il-bieba tat-truck imsakkra halliha. Huwa sab il-pum tal-hgiega imkisser. Huwa evidenti li min kien dahal min-naha tat-tieqa ghaliex kien ipparkjat mal-genb. Kisser il-hgiega, illeva l-hgiega, kisser il-pum u dahal minn hemm. Insteraqlu wkoll l-iscreen tar-reverse camera. It-trakk kien ipparkjah fil-gurnata ta' qabel ghall-habta tal-hdax u nofs ta' billejl. B'kollox il-hsara bl-electrician b'kollox, bis-switches gie madwar €800. Xtara wkoll radio bir-reverse cameras u swieh madwar €200 jew ftit aktar.

PS 1238 Clive Brimmer eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[19]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici. Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BMX 301 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[20].

---

[17] Dok MM7 a fol 41 tal-process, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minn PS 1574 Renaldo Cremona fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012
[18] Seduta tat-2 ta' Lulju 2012
[19] Dok CB3 a fol 22 tal-atti tal-PV
[20] impronti digitali elevati minn fuq il-hgiega tax-xufier minn barra fejn kien hemm l-isgass

- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BMX 301 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[21].
- *Illi t-tielet (3) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BMX 301 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[22].
- *Illi l-impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BMX 305 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Simon Borg*[23].

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert u tenut kont li wahda mill-impronti li gew ikkonstatati li huma tal-imputat gew elevati minn fuq l-iswitch board tal-komparatment ta' quddiem tax-xufier (minn gewwa) u ma jirrizultax li hemm xi raguni ohra ghajr biex jisraq li l-impronti ta' Borg instabu fejn instabu, m'hemmx dubju li din is-serqa twettqet mill-imputat.

Dak li gie ppruvat huwa izda li din is-serqa kienet ikkwalifikata biss bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kwindi l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata. Il-hsara volontarja giet ippruvata kif imputata.

**Id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn it-30 u l-31 ta' Lulju 2009 fi Triq il-Qrendi, Zurrieq ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura tal-ghamla Kia Avella, Reg Nru BAF 803 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jeccedix l-€2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Antonella Pace u/jew Joseph Pace.

[21] impronti digitali elevati minn fuq il-hgiega tax-xufier minn barra fejn kien hemm l-isgass

[22] impronti digitali elevati minn fuq il-hgiega tax-xufier minn barra fejn kien hemm l-isgass

[23] impronta digitali elevata minn fuq l-iswitch board tal-kompartament ta' quddiem tax-xufier (minn gewwa)

Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49

Mill-atti jirrizulta li Antonella Pace marret tirrapporta l-Ghassa taz-Zurrieq sabiex tirrapporta li persuna jew persuni mhux maghrufa fethulha l-karozza taghha Reg Nru BAF803 u nsterqilha l-istereo komplut tal-ghamla Pioneer. Irrappurtat ukoll li kienet saritilha hsara fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin ghaliex kienu llivawilha u saritilha hsara fuq id-dashboard fuq il-parti ta' isfel taht l-istereo. Hija kienet ipparkjat il-vettura taghha fi Triq il-Qrendi, Zurrieq il-gurnata ta' qabel ghall-habta tas-7.30p.m u ndunat l-ghada filghodu ghall-habta tas-7a.m[24].

Antonella Turner[25] xehdet[26] li hija kienet halliet il-karozza taghha ipparkjata quddiem id-dar l-gurnata ta' qabel meta waslet lura mix-xoghol. Marret biex jittiehdulha l-fingerprints. Inkwantu ghall-valur tal-istereo qalet li dan kien jiswa madwar €100. Bhala hsara tal-karozza kienet swietha €50.

PS 680 Colin Sheldon eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[27]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici u kien hemm impronti ohrajn li ma kienux jaqblu mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat.Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BPF 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg[28].*
- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 09 BPF 306 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Simon Borg[29].*

[24] Dok MM8 a fol 44 tal-process, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minn Wps 250 Amanda Bunce fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2013
[25] Li kienet Antonella Pace
[26] Seduta tas-7 ta' Novembru 2012
[27] Dok CS a fol 42 tal-atti tal-PV
[28] Impronti digitali misjuba fuq is-saqaf hdejn l-izgass, bieba ta' quddiem, naha tax-xufier, minn barra
[29] Impronti digitali misjuba fuq il-pilastru tal-bieba, hdejn l-izgass, naha tax-xufier, minn barra

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert din il-Qorti tqis li kien l-imputat li wettaq tali serqa billi l-impronti kienu proprju fejn sar l-izgass kif ukoll ghaliex huwa l-istess *modus operandi.*

Dak li gie ppruvat huwa izda li din is-serqa kienet ikkwalifikata biss bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kwindi l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata. Il-hsara volontarja giet ippruvata izda mhux bl-ammont indikat.

**Il-hdax u t-tnax-il imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn il-21 u t-22 ta' Novembru 2008 fil-parking area tal-Isptar Mater Dei ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura tal-ghamla Peugeot 106, Reg Nru LCF 653 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Marita (Maria Rita) Aquilina u/jew Patrick Aquilina. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49.

Marita Aquilina marret tirrappporta fl-Ghassa tal-Imsida li hija tahdem bhala nurse fl-isptar Mater Dei u kienet ipparkjat il-karozza taghha Reg Nru LCF 653 fil-parking rizervat ghall-haddiema. Hija kienet sakkret il-karozza. Xi hadd kien illivela l-bieba u serqilha l-istereo. Hija intbaghtet tmur bil-karozza taghha ghand is-SOCO ghal-aktar investigazzjoni[30].

Marita Aquilina xehdet[31] li hija kienet xoghol bejn il-21 u t-22 ta' Novembru 2008 fl-Isptar Mater Dei u pparkjat il-karozza taghha Peugeot 106 Reg Nru LCF 653 fil-parkegg rizervat ghall-haddiema. Filghodu fix-hin harget mix-xoghol sabet il-karozza sgassata, giet illevata u nsterqilha r-radio. Hija kienet ipparkjat il-karozza fis-sitta u nofs ta' filghaxija. Wara li marret l-ghassa taghmel ir-rapport intbghatet d-depot ghall-fingerprints. Inkwantu ghall-istereo dan kien jiswa madwar €100. Inkwantu ghall-hsara kienet sewwietha u hallset €140[32].

[30] Dok MM10 a fol 50 tal-process
[31] Seduta tat-2 ta' Lulju 2012
[32] Dok MA a fol 137 tal-process

PS 198 eleva zewg lifters kif evidenzjat mid-dokumenti ezebiti fl-atti tal-inkjesta magisterjali[33]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert irrizulta li kien hemm impronti li ma setghetx twassal ghal ezami komparattiv. Biss pero' jirrizulta mir-rapport li lil Joseph Mallia irrizultalu li:

- *Illi l-impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 08 CQY 301 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tal-pala tal-id il-leminija ta' Simon Borg.*
- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 08 CQY 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg.*

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert din il-Qorti tqis li kien l-imputat li wettaq tali serqa.

Dak li gie ppruvat huwa izda li din is-serqa kienet ikkwalifikata biss bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kwindi l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata. Il-hsara volontarja giet ippruvata wkoll.

**It-tlettax u l-erbatax-il imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2005 fi Triq Guze' D'Amato, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura tal-ghamla Hyundai Excel, Reg Nru EAQ 569 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Alfred Degiorgio. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49.

Mill-atti jirrizulta li Alfred Degiorgio mar jirrapporta l-Ghassa fil-31 ta' Ottubru 2005 li meta filghodu hareg mid-dar tieghu innota li kellu l-hgiega tan-naha tax-xellug imkissra u insteraqlu *mobile handsfree*[34].

[33] A fol 60 tal-istess process verbal

[34] Dok CE 1 a fol 101, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minn PS 1257 Conrad Ellul fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012

Alfred Degiorgio ikkonferma[35] li mar jirrapporta l-ghassa ta' Rahal Gdid u spjega li meta filghodu mar ghall-karozza Reg Nru EAQ 569 sab il-hgiega tan-naha ta' quddiem tal-passiggier miksura, ir-radio nieqes u xi hsara mal-wires u nsteraqlu ktieb tac-cekkijiet. Ir-radio kien xtrah madwar LM 70/LM80 ekwivalenti ghal €163.10/€186.40. Il-hsara ma setax jaghti valur minhabba li ghadda hafna zmien.

PS 1238 Clive Brimmer eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[36]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici. Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

- *Illi l-impronti dokumenti 05 DMF 301, t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMF 303 u 05 DMF 304 ma' jaqblux mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn ta' Simon Borg[37].*
- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMF 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija ta' Simon Borg[38].*
- *Illi t-tielet (3) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMF 305 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg[39].*

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert u tenut kont li wahda mill-impronti li gew ikkonstatati li huma tal-imputat gew elevati minn fuq brown tape li kien fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem u ma jirrizultax li hemm xi raguni ohra ghajr biex jisraq li l-impronti ta' Borg instabu fejn instabu, m'hemmx dubju li din is-serqa twettqet mill-imputat. Ghalkemm il-hsara volontarja giet ippruvata biss pero' ma rrizultax li l-valur kien jeccedi l-ammont ta' €116.47.

---

[35] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2005
[36] Dok CB1 a fol 10 tal-atti tal-PV
[37] impronti digitali elevati minn fuq il-bieba tal-passiggier minn barra.
[38] impronti digitali elevati minn fuq il-windbreaker tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem
[39] impronti digitali elevati minn fuq brown tape li kien fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem.

**Il-hmistax u s-sittax-il imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2005 fi Triq Guze' D'Amato, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura tal-ghamla Peugeot 106, Reg Nru KAV 323 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jeccedix l-€2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Christopher Scerri u/jew Joseph Scerri. Huwa jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja liema hsara hija izjed minn €116.47 izda mhux aktar minn €1,164.49.

Jirrizulta mill-atti li Christopher Scerri mar jaghmel rapport l-Ghassa fil-31 ta' Ottubru 2005 li waqt li l-karozza tieghu Peugeot 106 Reg Nru KAV 323 kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu u huwa kien sakkarha xi hadd kien illivalu l-bieba min-naha ta' fuq u seraqlu stereo, mazz cwievet, mowbajl u xi dokumenti[40].

Christopher Scerri kkonferma[41] li huwa kien ghamel rapport fil-31 ta' Ottubru 2005. Huwa spjega li kien spicca mix-xoghol tard hafna billi huwa jahdem fil-catering. Imbaghad filghodu ghajtitlu ommu u qaltlu li kellu l-bieba sgassata u sab l-istereo misruq, set tac-cwievet u dokumenti personali. Il-bieba kienet milwija. Il-karozza kien sakkarha. Bhala hsara jikkalkula li kien hallas madwar LM150 ekwivalenti ghal €349.50. Inkwantu ghall-oggetti madwar b'kollox LM280 ekwivalenti ghal €652.40.

PS 1238 Clive Brimmer eleva permezz ta' lifting tape diversi impronti hekk kif evidenzjat fir-rapport tieghu[42]. Mill-ezami komparattiv li wettaq l-espert Joseph Mallia irrizulta li kien hemm impronti li ma setghux jigu komparati ghaliex kienu neqsin mill-punti karatteristici. Biss pero' lill-istess espert irrizultalu:

---

[40] Dok MM 11 a fol 53 tal-process, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minn PS 1257 Conrad Ellul fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012

[41] Seduta tas-27 ta' Frar 2012

[42] Dok CB2 a fol 16 tal-atti tal-PV

- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMG 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[43].
- *Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMG 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[44].
- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 05 DMG 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Simon Borg*[45].

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-espert din il-Qorti tqis li kien l-imputat li wettaq tali serqa. L-imputazzjoni tal-hsara volontarja giet ukoll ampjament ippruvata.

**Is-Sbatax-il imputazzjoni**

Illi huwa evidenti li s-sbatax-il imputazzjoni inghatat bhala alternattiva w ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Recediva**

Illi l-prosekuzzjoni ezebiet biss zewg sentenzi li inghataw fil-konfront tal-imputat li pero' jidher li gew ezebiti ai fini tal-imputazzjonijiet sussegwenti u mhux ghal dan l-addebitu. Ghalhekk tali addebitu ma jirrizultax ippruvat.

**Ksur Kundizzjonijiet imposti fuqu skont il-provediment tal-Kapitolu 446**

Giet ipprezentata vera kopja fotostatika ta' sentenza moghija fit-3 ta' April 2009 fil-konfront ta' Simon Borg[46]. Il-konnotazzjonijiet huma identici bhal dawk tal-imputat odjern.

---

[43] improntі digitali elevati minn fuq il-hgiega tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem minn barra
[44] impronti digitali elevati minn fuq il-hgiega tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem minn barra

[45] impronti digitali elevati minn fuq il-pilastru tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem minn barra
[4646] Dok MM13 a fol 94 tal-process

Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien instab hati b'pussess semplici tad-droga eroina u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Din il-Qorti tqis li in virtu' tal-gurisprudenza ormai kostanti, ladarba jirrizulta ksur ta' tali kundizzjoni kif fil-fatt jirrizulta billi s-seba', tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet twettqu fil-perjodu operattiv il-Qorti trid titratta mal-hati ghal tali ksur.

Billi fil-frattemp l-ligi inbidlet din il-Qorti se tapplika l-aktar ligi favorevoli ghall-imputat u se tikkundannah ghal hlas ta' penali ta' €100.

**Twettiq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza**

Il-prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fil-konfront ta' Simon Borg
moghtija fil-11 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[47]. Il-konnotati huma identici bhal dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie kkundannat sena prigunerija liema terminu gie sospiz ghal tlett (3) snin.

Jirrizulta li l-imputat wettaq l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet ghall-Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Kif jirrizulta mill-atti l-imputat ghamel zmien fejn kien hadem hafna biex jeghleb il-vizzju tad-droga u kien sab certu stabilita' f'hajtu. Biss pero' mix-xhieda ricenti tal-ufficjal tal-probation li qeghda ssegwih l-imputat rega' qabad il-vizzju tad-droga u ghandu bzonn isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-aktar fis

[47] Dok MM12 a fol 87 tal-process

possibbli. Din il-Qorti tqis li mehud in kunsiderazzjoni dan kollu ghandha tikkundanna lill-imputat ghas-sentenza ta' prigunerija effettiva. Biss pero' mhix se tirrendi operattiva s-sentenza sospiza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sbatax-il imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a), 280(2), u 325(1)(b)(c) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, il-hmistax u s-sittax il-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, issibu wkoll hati tat-tielet, ir-raba' , il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, il-hdax u t-tnax-il imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu b'dan li inkwantu ghall-kwalifika tal-valur fl-imputazzjonijiet numri tlieta, hamsa, seba' u hdax din ma gietx ippruvata, issib lill-imputat hati wkoll tad-disa', ghaxar, tlettax u l-erbatax-il imputazzjonijiet b'dan li inkwantu ghall-hsara volontarja ma giex ippruvat li tali hsara kienet teccedi l-ammont ta' €116.47, issib ukoll lill-imputat hati tad-dsatax u l-ghoxrin imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li ma ssibux hati tal-addebitu tar-recediva u minnu tilliberah u ghalhekk inkwantu ghas-sejbien ta' htija tal-ewwel sittax-il imputazzjoni l-imputat qieghed jigi kkundannat ghal sentejn (2) prigunerija.

Inkwantu ghad-dsatax –il imputazzjoni il-Qorti qeghda titratta mal-hati ghal ksur tal-liberta' kundizzjonata moghtija bis-sentenza tat-3 ta' April 2009 daqs li kieku qieghed jinstab hati llum u wara li rat it-Taqsima 4 u 6 u l-artikolu 22(1)(a) tal-Kap 101 kif ukoll ir-Regolament 9 tal-G.N 292/1939 u l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' penali ta' €100.

Inkwantu ghall-ghoxrin imputazzjoni wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella fl-1 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett

snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' tlett snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €3280.36 rapprezenta nti hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti fl-ahharnett tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex safejn huwa possibbli l-hati jinghata kull ghajnuna mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**